MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' April, 2003

Talba Numru. 172/2003

***Anthony Debattista ezercenti l-kummerc taht l-isem "Alphabetic Press"***

***vs***

***Limelight Hotels Limited***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Jannar, 2003, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' elf, mija u tnejn u erbghin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm1142.35) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' servizzi u xoghol ta' stampar rezi lill-istess socjeta' konvenuta mill-attur fuq struzzjonijiet taghha.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 29 ta' Awissu 2001 (Dokument B anness ma' l-avviz), u bl-imghaxijiet mid-data tal-fatturi relattivi indikati fuq il-

prospett anness ma’ l-avviz (Dokument A), kontra s-socjeta’ konvenuta.

Ra li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Antoine Naudi ghan-nom ta’ l-attur, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur s-somma ta’ elf, mija u tnejn u erbghin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm1142.35), bl-imghaxijiet legali mid-dati indikati fuq il-prospett esibit ma’ l-avviz u mmarkat bhala Dokument A.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja, tad-29 ta’ Awissu 2002 (Dokument B), ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------